# TRIBUNAL INDUSTRIJALI
# DEĊIZJONI NRU 1774

Każ Nru 2433/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Paul Grimsey (ID 12275A)

u

Eden Leisure Group Ltd ( 4529)

dwar tkeċċija mill-impieg
allegata li hi nġusta

Data: 2 ta' April 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' rikors magħmul mill-Avukat Kevin Deguara fl-4 ta' Diċembru 2006 f'isem is-sur Paul Grimsey li fih allega li dan kien ġie liċenzjat minn mas-soċjetà Eden Leisure Group Ltd għal raġuni li mhix ġusta. Dan kien miċħud mill-Kumpanija Appellata, li kienet rappreżentata mis-sur Edward Fenech, *Director of Operations*, assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona. Inżammu tliet seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba xi differimenti li ntalbu kif ukoll minħabba nuqqasijiet infrastrutturali t-Tribunal ma kienx f'posizzjoni li jaqta' l-każ fiż-żmien xahar preskritt fil-liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

Fis-7 ta' Awwissu 2006 l-Appellant kien ġie liċenzjat b'effett mis-16 ta' Ottubru 2006 minħabba kundizzjoni medika li kien isofri minnha. Dana wara li fit-3 ta' Lulju 2006 kellu aċċident ikraħ bil-karozza tal-Kumpanija Appellata li irriżulta kien kawżat mill-

istess kundizzjoni medika li kellu. L-Appellant jirritjeni li l-kundizzjoni medika tiegħu ma tikkostitwix raġuni ġusta għat-terminazzjoni ta' l-impieg tiegħu.

**3. Konsiderazzjonijiet**

L-Appellant kien ilu għal ħafna snin ibati bid-dijabete. Fit-3 ta' Lulju 2006 kien involut f'aċċident bil-karozza tal-Kumpanija Appellata meta bħala persuna dipendenti fuq l-insulina kellu episodju *hypoglycemic* li matulu intilef min sensih, saq għal ċerta distanza *wrong side* u spiċċa daħal ġo *roundabout* u kkraxxja. Huwa ġie eżaminat mit-Tabib tal-Kumpanija Appellata, Dr Jean Karl Soler, li rrikmanda (Dok JKS1) li l-Appellant ma jibqax isuq iktar. Waqt ix-xhieda tiegħu t-Tabib Soler stqarr (seduta tas-7 ta' Frar 2007 fol.9) illi jista jkun hemm episodju ieħor simili "*It's quite possible and I think quite probable and I think quite likely that he would have another such episode*" u iktar tard (fol. 11) "*once it happened the likelihood of it happening again is of course much, much, much greater and in my personal opinion, it was great enough that.. if he's been given the job of driving again and this happens again, you could consider the consequences would be so dramatic*". L-Appellant jirritjeni li huwa seta' faċilment jagħmel xogħol ieħor alternattiv mal-Kumpanija Appellata bħal xogħol ta' *maintenance* fejn ma kienx hemm daqshekk periklu għalih u għal ħaddieħor. Jidher li l-Kumpanijja Appellata kienet offrietlu xi xogħol *part-time* fiċ-ċinema iżda dan ma aċċettahx.

L-Appellant kien tella' wkoll bħala xhud lit-Tabib Alan Ellul, li jaħdem id-Diabetes Clinic ta' l-isptar San Luqa u li ilu żmien twil jieħu ħsieb l-Appellant. It-Tabib Ellul qal li l-kwistjoni ta' attakki simili għal dak li kellu l-Appellant hija iktar kwistjoni ta' kontroll milli tal-kundizzjoni fiha n-nifisha. Huwa jgħid li l-Appellant kien jikkontrolla sewwa u fil-fatt seta' jagħmilha ta' *driver*.

It-Tribunal huwa tal-fehma li meta soċjetà ikollha parir tat-Tabib tagħha li jkollha fiduċja fih ma għandiex il-bżonn ta' opinjoni oħra. Dan huwa sostnut anke minn deċiżjonijiet ġo fora barranin. Pereżempju f'każ simili fl-Ingilterra l-*Employment Appeals Tribunal* qal testwalment "*It is not the function of employers any more than it is of (Employment) Tribunals to turn themselves into some sort of medical appeal tribunal to review the opinion and advice received from their medical advisor*".[1]

It-Tribunal ikkunsidra l-possibiltà li jingħata xogħol alternattiv lill-Appellant. Jidher li l-Kumpanija Appellata studjat dil-possibiltà iżda tgħid li ħafna mix-xogħol ta' *maintenance* seta' kien ukoll ipoġġi lill-Appellant fil-periklu. Anke hawn wieħed ma jistax jippretendi wisq mill-Kumpanija Appellata. It-Tribunal jerġa jiċċita sentenza oħra minn Qorti Ingliża, il-*High Court* (QBD) dwar każ simili: "*It cannot be right that in such circumstances an employer can be called upon by law to create a special job for the employee no matter how long serving he may have been*".[2]

[1] East Linsey District v Daubney
[2] Merseyside and North Wales Electricity Board v Taylor

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tal-Appellant Paul Grimsey minn mal-Kumpanijja Appellata Eden Leisure Group Ltd kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ

## 5. Drittijiet

Għall-iskop ta' l-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' LM40 kull wieħed.

Franco Masini
Chairman